*Jekk Chairperson ta' tribunal amministrattiv jistax*

*jitharrek biex jixhed dwar il-proceduri li jkunu saru quddiemu*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 28 ta' Frar 2022**

**Rikors Nru. 916/2016 GM**

**Nawar Riad Magdy Talat passaport Eġizzjan Nru 2097916**

**vs**

**Avukat Ġenerali u b' digriet tal-10 ta' Diċembru 2020 l-isem "Avukat Ġenerali" ġie sostitut bl-isem "Avukat tal-Istat"**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali jew aħjar l-Avukat tal-Istat tat-8 ta' Frar 2022 li permezz tiegħu talab ir-revoka *contario imperio* tal-ordni tagħha li jiġi nġunt iċ-Chairperson tal-Bord tal-Appell dwar ir-Rifuġjati, sabiex jispjega d-deċiżjonijiet fil-konfront tal-attur, martu u l-minuri. Dan abbażi ta' dik li jsejjaħ

ġurisprudenza kostanti li ġudikant li jippressjedi Bord, Tribunal jew Qorti huwa prekluż milli jixhed dwar id-deliberazzjonijiet tal-istess organu ġudizzjarju.

Rat ir-risposta tal-attur, li permezz tagħha jsostni li l-Bord *de quo* jeżerċita funzjoni purament amministrattiva u mhux ġudizzjarja jew kważi-ġudizzjarja. Jiċċita bran twil mir-Report of the Committee on Minister's Powers li sar fl-Ingilterra fis-sena 1932 kif iċċitat minn Griffeth and Street li jiddistingwi bejn *a true judicial decision*, u *a quasi-judicial decision*.

Ikkunsidrat:

Fil-bidu tas-seklu dsatax, it-**Taylor** jgħid li "*It is considered dangerous, or at least highly inconvenient, to compel Judges of the Courts of Record to state what occurred before them in Court in view of the practical impossibility of putting any limit to the cross-examination and comment to which they might be subjected with reference to the proceedings before them, including even their own conduct in relation to such proceedings".*[1] Regola din li ma tapplikax għal ġrajjiet barranin jew kollaterali li jseħħu waqt il-proċess quddiemhom[2]; u li ma tapplikax għall-arbitri.

L-opra kontemporanja **Phipson** tikkonferma dak li jgħid Taylor, b'ċitazzjoni ta' sentenza riċenti ta' Lord Woolf M.R.[3], li għaraf li "*Whilst no distinction is to be drawn between ranks or levels of judges, historically the rule did not apply to inferior tribunals such as magistrates' courts".* Phipson ikompli jgħid li "*in practice, judges usually do not object to giving evidence as to what occurred in cases tried by them when they can assist subsequent litigation by doing so".*[4]

[1] Taylor on Evidence, 12th ed. (1931) Vol I, para. 938, paġni 592 u 593.
[2] Per eżempju meta priġunier jipprova jaħrab mill-bini tal-Qorti waqt seduta.
[3] Fil-kawża Warren v Warren (1997).
[4] Phipson on Evidence, 18th ed. (2013) para. 25-36, paġna 805.

Ikkunsidrat:

Skont il-**Wade,** id-dritt amministrattiv jinħtieġ jagħti definizzjoni ċara tat-tliet funzjonijiet kostituzzjonali ewlenin – leġislattivi, amminnistrattivi u ġudizzjarji, kif ukoll tal-funzjoni mħallta kważi-ġudizzjarja. Iwissi li l-Qrati jħobbu jagħmlu distinzjonijiet artifiċjali li joħolqu konfużjoni. Jgħid li l-unika distinzjoni li jidher li tista' ssir fil-prattika hi bejn il-funzjoni amministrattiva u dik ġudizzjarja: "*A judicial decision is made according to rules. An administrative decision is made according to administrative policy. A judge attempts to find what is the correct solution according to legal rules and principles. An administrator attempts to find what is the most expedient and desirable solution in the public interest".*[5] Għall-fini tal-kweżit post quddiem din il-Qorti, mhux rilevanti d-distinzjoni bejn deċiżjoni ġudizzjarja u dik kważi-ġudizzjarja u għalhekk il-Qorti mhix sejra tieħu qies tagħha.

Hekk ukoll, il-**Garner** jgħallem li "*the judicial function is essentially one of discovering the law..., determining facts when they are disputed, and then applying the law to the facts so as to reach a decision".*[6]

Il-Qorti Kostituzzjonali tagħna[7] stabbiliet li l-Kummissjoni għall-Kontroll ta' Żvilupp u l-Awtorita` tal-Ippjanar mhumiex tribunali imma organi amministrattivi, sindakabbli minn tribunal imparzjali u indipendenti u ċjoe` l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar. Qalet li kemm il-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni ma jillimitawx il-jedd fundamentali għal smigħ xieraq għal dawk il-proċeduri li jsiru quddiem Qorti ppreseduta minn Imħallef jew Maġistrat. Dan il-prinċipju japplika mhux biss għall-Qrati ordinarji imma wkoll għal kull tribunal jew awtorita` ġudikanti mwaqqfa b'liġi. Għalhekk il-Qrati tagħna dejjem kienu ġelużi li jipproteġu lil kull ġudikant fit-terminu wiesa' tal-kelma, biex dan ma

[5] H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, Administrative Law, 11th ed (2014) paġna 31.
[6] B L Jones & K Thompson, Garner's Administrative Law, 8th ed., (2005) paġna 14.
[7] Fil-kawża Anthony Pace v Avukat Ġenerali, Kummissjoni għall-Kontroll tal-Iżvilupp, u l-Awtorita' tal-Ippjanar 02.11.2001.

jiġix assoġġettat li jiġi mħarrek lanqas bħala xhud quddiem Qorti biex jirrispondi għall-mod kif ikun ikkonduċa l-proċeduri quddiemu. Ma jistax ikun hemm indipendenza u imparzjalita` jekk ġudikant ikun huwa stess soġġett għal xi azzjoni bħala konsegwenza ta' xogħolu.[8]

Għalhekk l-ogħla Qorti tagħna marret oltre dak stabbilit mill-Qrati Ngliżi billi b'applikazzjoni tal-prinċipju fundamentali tal-indipendenza tal-awtoritajiet ġudikanti, estendiet il-privileġġ tal-Imħallfin fil-Qrati ordinarji mhux biss għall-maġistrati, imma wkoll għall-ġudikanti f'organi ġudizzjarji ta' liema xorta jkunu. Interessanti li din ir-regola, il-Qorti siltitha mill-prinċipji ġenerali tal-ordinament ġuridiku tagħna, ghaliex li m'hemm l-ebda disposizzjoni appożita fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili f'dan ir-rigward.

Il-Bord *de quo* jiddeċiedi appelli minn deċiżjonijiet dwar jekk persuna għandhiex tingħata status ta' refuġjat jew le. Il-Bord jasal għad-deċiżjoni tiegħu b'applikazzjoni tal-liġi internazzjonali bħall-Konvenzjoni dwar l-istatus tar-Refuġjati tal-1951 u l-Protokoll tagħha tal-1967; il-liġi Ewropea partikolarment id-Direttivi 2004/83/EC u 2005/85/EC (it-tnejn trasposti permezz tal-Att dwar ir-Refuġjati) kif ukoll tal-Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan jagħmlu wara li jeżamina l-fatti, kif sottoposti kemm mill-awtoritajiet kompetenti kif ukoll mill-persuna li tkun qiegħda titlob li tingħata l-istatus ta' refuġjat. Din bla dubju hija funzjoni ġudizzjarja, u mhux amministrattiva. Il-Bord jimxi mal-liġi, u mhux ma' xi *policy* tal-Gvern.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba tal-Avukat tal-Istat, billi tirrevoka *contario imperio* l-ordni tagħha li jiġi nġunt iċ-Chairperson tal-Bord tal-

[8] Il-Qorti ċċitat lill-Onor. Lino Debono v Maġistrat Dr. Michael Mallia - 19.02.1990, Qorti Kostituzzjonali.

Appell dwar ir-Rifuġjati, sabiex jispjega d-deċiżjonijiet fil-konfront tal-attur, martu u l-minuri.

MOQRIJA

GRAZIO MERCIECA
IMĦALLEF